KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 49 *ad hoc*   IS-SITT KUNSILL**

Id-disa u erbgħin seduta (49) *ad hoc* tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **il-Hamis 6 ta' Ottubru, 2011** fis-5.42 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Nicolai Gauci, J. Galea u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Nikki Dimech avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillier imsemmi bħala raġonevoli.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi
L-*Assistant Principal* Stefania Friggieri

Is-Sindku ppresediet.

49.a Il-Kunsillier N. Gauci talab li jikkumenta dwar id-decizjoni li ttiehdet fis-seduta precedenti dwar l-attivita tal-Kunsill mas-*Sliema Wanderers*.

*49.a.1* Is-Sindku talbet biex l-Agenda tigi sospiza biex ikun jista' jitkellem il-Kunsillier N. Gauci. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera prezenti.

***Dahal il-Kunsillier P. Pace ghas-seduta fis-5.45 ta' filghaxija.***

49.a.2 Il-Kunsillier N. Gauci staqsa ghalfejn il-Kunsill rtira milli jiehu sehem fl-attivita ma' *Sliema Wanderers* kif kien gie deciz f'seduta precedenti. Il-Kunsillier N. Gauci qal li ma jaqbilx ma din id-decizjoni ghaliex il-Kunsill kien ta' certu *commitment* biex tigi organizzata din l-attivita.

49.a.3 Is-Sindku spjegat kif ghalkemm ghall-ewwel il-Kunsill qabel li ghanda tkun organizzata din l-attivita, il-Kunsill innota li, fuq parir tad-DLG, ma kienx se jkun konformi mal-ligi. Ghalkemm il-*poster* li kien se jkun stampat ghall-attivita ma kienx konformi ma' dak mitlub mill-Kunsill, il-Kunsill inizjalment hass li dan seta' jinbidel. Is-Sindku kompliet tghid li kien hemm diversi fatturi ohra li l-Kunsill innota li ma kienux idonji. Il-Kunsill kien imfakkar li l-komunikazzjoni ma' *Sliema Wanderers* kienet saret b'korrispondenza li permezz taghha kien spjegat ir-rwol tal-Kunsill f'din l-attivita. Sussegwentament il-Kunsill hassu urtat kif il-programm sar minghajr konsultazzjoni mieghu kif ukoll li ma kienx se jixtri trofej ghall-okkazjoni izda kien issuggerit mis-*Sliema Wanderers* biex il-Kunsill jixtri *t-shirts*.

49.a.4 F'dan l-istadju s-Sindku qalet li hi trid tkun konformi mal-proceduri tal-kunsilli lokali. Is-Sindku hadet spunt mid-diskussjoni u qalet li fl-ahhar seduta kien hemm insinwazzjonijiet li fost affarijiet ohra s-Sindku precedenti kien tkecca minhabba l-ammont ta' *direct orders* li kien ghamel u li s-Sindku prezenti qed taghmel l-istess meta gew ordnati stickers mill-kumpanija Outlook. Is-Sindku spjegat li dan mhuwiex minnu ghaliex il-Kunsill kien qabel f'seduta 45 tal-Kunsill li jigu ordnati dawn l-istickers. Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti li kienet se tkun hi stess li se titlob lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali jistharreg dan il-kaz.

49.a.5 Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-attivita li kellha tkun organizzata ma' *Sliema Wanderers*. Il-Kunsillier N. Gauci staqsa ghaliex f'din l-okkazzjoni partikolari nghatat importanza lill-*poster* li kien se jkun stampat ghal din l-attivita. Rega kien spjegat li l-Kunsill mexa mal-korrispondenza li rcieva mid-DLG. Il-Kunsillier N. Gauci qal li l-Kunsill kien se jircievi talba ta' hlas ghas-servizzi li kien ikkommetta dwarhom b'relazzjoni.

49.a.6 F'dan l-istadju nqrat korrispondenza mibghuta mis-Sur Terence Muscat, rapprezentant tas-*Sliema Wanderers* (***Dok 'A' anness ma' dawn il-minuti***) li indika li ma kienux se jintuzaw is-servizzi li kellhom ikunu provduti mill-Kunsill. Ghaldaqstant il-Kunsill ma kienx se jidhol fi spejjez ghal din l-attivita kif kien deciz fis-seduta 48 ad hoc.

49.b Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti li s-Segretarju Ezekuttiv taghat ir-rizenja taghha peress se tokkupa kariga f'entita differenti tas-Servizz Pubbliku. Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 53/2011 dwar il-process li l-Kunsill ghandu jaddotta biex jimtela l-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li l-bord tal-ghazla ghandu jkun kompost mill-Kunsilliera kollha u li l-Kunsill m'ghandux biss jikkunsidra l-lista ta' applikanti mill-*pool* izda ghandu wkoll joffri l-istess opportunita lil Segretarji Ezekuttivi li qed iservu f'tali kariga mal-kunsilli lokali.

Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li ghandu jinghata perjodu ta' hmistax-il guranta biex il-Kunsill jircievi applikazzjoniijiet minn dawk interessati li jokkupaw il-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv u cioe sal-21 ta' Ottubru 2011.

***Il-Kunsillier N. Gauci gie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-6 ta' filghaxija.***

49.c Il-Vici Sindku ppropona li f'dan l-istadju tigi diskussa r-risoluzzjoni specjali li kien ressaq flimkien mal-Kunsilliera M. Aquilina biex ikunu mzejjna wkoll it-toroq fiz-zona kummercjali flimkien ma' dawk fiz-zona residenzjali fi zmien il-Milied.

*49.c.1* Kien innutat li din ir-rizoluzzjoni ghandha tkun aktar dettaljata.

***Is-seduta giet sospiża mill-procedimenti tagħha fis-6.10 ta' filgħaxija biex jitkellmu rapprezentanti tas-Sliema Business Community.***

***Is-seduta tkompliet bil-procedimenti tagħha fis-6.14 ta' filgħaxija.***

*49.c.2* Il-Vici Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li l-parir li kien inghatalu kien li l-Kunsill johrog emmenda ghas-sejha ghall-offerti li kienet diga giet ppubblikata fil-granet precedenti, filwaqt li tinghata kopja ta' din l-emmenda lil min kien diga gabar id-dokument.

*49.c.3* Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ghandha tkun proposta lista emendata bl-ismijiet tat-toroq biex dawn ikunu ppubblikata fl-emmenda. Spjegat li l-inginjier imqabbad mill-Kunsill ghandu jkun infurmat b'din il-proposta biex jahdem il-metragg tat-toroq il-godda u sussegwentement tinhareg il-BOQ emmendata.

***Il-Kunsillier M. Debono dahal ghas-seduta fis-6.15 ta' filghaxija.***

*49.c.4* Kien hemm diskussjoni dwar il-fatt li s-sena precedenti is-*Sliema Business Community* ma kinitx sodisfatti bid-dwal li kera l-Kunsill kif ukoll dwar aspetti logistici marbuta mat-tizjin fit-toroq u mal-ispiza li kien se jidhol fiha l-Kunsill biex ikunu mzejjna wkoll it-toroq fiz-zona kummercjali.

*49.c.5* Is-Sindku issuggeriet li jinhatar bord ta' aggudikazzjoni li jkun kompost mill-Kunsilliera kollha, kif ukoll mill-Avukat, l-Accountant u l-Inginjier tal-Kunsill. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma' din il-proposta.

*49.c.6* Il-Vici Sindku ippropona li l-Kunsill ghandu jnaqqas mit-tizjin tat-toroq residenzjali biex ikunu mzejjna wkoll toroq fiz-zona kummercjali. Il-Vici Sindku ppropona wkoll li l-ispiza tal-Kunsill ghat-tizjin kollu dan il-Milied ma teccedix l-€20,000. Ippropona li l-Kunsill jaghti garanzija li

jinxteghlu t-toroq ta' quddiem il-knejjes parrokjali u xi toroq fiz-zona kummercjali. Ghaldaqstant it-toroq li se jibqghu fid-dokument ghas-sejha tal-offerti li kien diga inhareg mill-Kunsill kellhom ikunu: Triq San Trofimu (ghall-Parrocca tas-Sacro Cuor), Triq Nicolo Isouard (ghall-Parrocca ta' San Girgor) u Triq il-Kbira (ghall-Parrocca ta' Stella Maris), waqt li l-bqija tat-toroq li kellhom jidhru fl-imsemmi dokument kellhom jitnehhew u minflokom jidhlu toroq ohra kif gej: Triq Manwel Dimech (mix-Xatt sa' Triq Santa Marija), Ix-Xatt (in-naha tal-hwienet biss mill-hanut Forestals sa Tigne Point), Triq it-Torri (mix-Xatt sal-hanut Chemimart), Triq Bisazza, Triq il-Katidral (sal-iskola ta' San Guzepp) u Triq Tigne (sal-hanut TH Hardware Store). Il-Vici Sindku zied jghid li l-Kunsill ghandu jirriserva d-dritt li jnaqqas mit-tizjin tat-toroq fiz-zona kummercjali jekk il-hwienet ma jaghtux il-kontribuzzjoni finanzjarja taghhom. Ippropona wkoll li l-kumplament tat-toroq fiz-zona kummercjali li ma jinxteghlux mill-Kunsill jinxteghlu mis-*Sliema Business Community.* Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur din il-proposta.

49.d Il-Kunsillier M. Aquilina pproponiet li l-Kunsill jaghti trofew lill-ex player tas-*Sliema Wanderers* is-Sur Noel Turner bhala sinjal ta' apprezzament ghall-gieh li ghamel lil-lokalita fil-qasam sportiv.

*49.d.1* Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti.

*49.d.2* Is-Sindku gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li minhabba li l-attivtita kienet fi zmien jumejn ma kienx hemm zmien biex wiehed jgib il-kwotazzjonaijiet quddiem il-Kunsill ghal-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tieghu u ghaldaqstant kien propost li tinhareg *direct order.* Kien hemm diskussjoni dwar l-ammont li l-Kunsill kellu jonfoq biex jixtri dan it-trofew. Il-Kunsillier Cali qal li varjazzjoni ta' 10% fuq il-prezz li kien se jkun maqbul kienet ukoll accettabli ghar-raguni li l-Kunsill ma kellux f'idejh stimi fuq hiex seta' jiddecidi.

*49.d.3* Is-Sindku pproponiet li t-trofew jinxtara permezz ta' *direct order* ghal prezz ta' €200. Il-Vici Sindku issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cucshieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur.

*49.d.4* Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li dan kellu jkun jew tal-metall jew tal-hgieg u li l-Ufficcju Amministrattiv kellu jikkomunika l-opzjonijiet lill-Kunsill permezz ta' korrispondenza elettronika. Kien hemm ukoll qbil li ghandu jinkiteb il-kliem: "Bi gratitudni u apprezzament mill-Kunsill Lokali Tas-Sliema" fuq it-trofew.

*49.d.5* Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier N. Gauci ghandu jipprezenta t-trofew fl-okkazjoni bhala l-Kunsillier inkarigat mill-isport. F'kaz li l-Kunsillier Gauci jkun indispost, il-prezentazzjoni ssir mis-Sindku jew mill-Vici Sindku.

*Il-Kunsillier M. Debono gie skuzat mis-seduta fis-6.48 ta' filghaxija.*

**49.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Minuti**

**49.1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 41 (kont. 3) tat-21 ta' Lulju 2011**

*49.1.1.1* Is-Sindku ressqet ghall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-Seduta 41 (kont.3) tal-21 ta' Lulju, 2011.

*49.1.1.2* Il-Vici Sindku ippropona li ssir emenda ghal punt 41.3.1.9 fejn minflok Ministru Gatt jitnizzel is-Sur Manwel Delia. Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Il-Kunsilliera prezenti qablu b'mod unanimu ma' din l-emenda.

*49.1.1.3* Is-Sindku ipproponiet emenda fejn qalet li ghandha tizdied il-frazi ghal punt 41.3.1.9 li ghandha taqra kif gej: "Is-Sindku qalet li se tikteb lill-Ministru A. Gatt ukoll". Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera prezenti qablu b'mod unanimu ma' din l-emenda.

***Il-Kunsillier M. Debono dahal lura ghas-seduta fis-6.53 ta' filghaxija.***

***Il-Kunsilliera S. Camilleri dahlet ghas-seduta fis-6.53 ta' filghaxija.***

*49.1.1.4* Is-Sindku pproponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 41 (kont. 3) tal-21 ta' Lulju, 2011 b'dawn iz-zewg emendi. Il-Vici Sindku issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, Y. Cali, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono astjenew. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono qalu li qeghdin jastjenu minhabba li ma jiftakrux ezatt x'intqal.

*49.1.1.5* Il-minuti kienu approvati b'sitt (6) voti favur.

**49.1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 42 *ad hoc* tat-3 ta' Awwissu, 2011**

*49.1.2.1* Is-Sindku ressqet ghall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-Seduta 42 *ad hoc* tat-3 ta' Awwissu, 2011.

*49.1.2.2* Il-Vici Sindku ippropona li ssir emenda ghal punt 42.1.4.4 fejn ippropona li jizdied il-kliem "wara li nnota illi fi Triq Bisazza twahhlu sinjali li kienu jidhru li kienu mahruga mill-Kunsill bl-emblema tal-Kunsill Lokali, izda l-Kunsill qatt ma kien mgharraf b'dawn is-sinjali u li kienu jmorru wkoll kontra d-decizjoni mill-istess Kunsill." B'hekk il-punt 42.1.4.4 ghandu jaqra: "Il-Viċi Sindku qal li l-MRRA ghandu jikkonsulta mal-Kunsill qabel ma jwahhal sinjali, wara li nnota illi fi Triq Bisazza twahhlu sinjali li kienu jidhru li kienu mahruga mill-Kunsill bl-emblema tal-Kunsill Lokali, izda l-Kunsill qatt

ma kien mgharraf b'dawn is-sinjali u li kienu jmorru wkoll kontra d-decizjoni mill-istess Kunsill". Is-Sindku ssekondat. Il-Kunsilliera prezenti qablu b'mod unanimu ma' din l-emenda.

*49.1.2.3* Qabel mal-Kunsill ghadda ghall-approvazzjoni tal-minuti tas-Seduta 42 *ad hoc*, is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera prezenti li rapprezentanti tas-Socjeta tal-Banda tal-Madonna tal-Karmnu talbu li jiltaqghu maghha u urew id-dizappunt taghhom minhabba li l-Kunsill m'approvax li ssir l-attivita maghhom fi Gnien Indipendenza. Saret diskussjoni dwar jekk ghandhomx isiru attivitajiet minn kazini tal-banda ohra apparti dak ta' San Girgor fi Gnien Indipendenza. Kien innutat li dan il-Gnien huwa gnien pubbliku izda l-Kunsill esprima l-preokkupazzjoni tieghu ghal fatt li jista' jinqala l-inkwiet bejn il-kazini. Il-Vici Sindku qal li meta hu ltaqa' mas-Socjeta tal-Banda tal-Madonna tal-Karmnu, kif mitlub minnu f'seduta precedenti tal-Kunsill, il-membri tas-Socjeta kienu diga esprimew id-dizappunt taghhom li l-attivita ssir fi Triq it-Torri minflok fil-Gnien.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri gie skuzat li johrog mis-seduta fis-7.05 ta' filghaxija.***

*49.1.2.3.a* Kienet ukoll diskussa l-possibilta ta' ftehim mal-baned l-ohra, kif ukoll il-possibilta li jintalab parir mill-Pulizija u parir mill-Kurja. Il-Kunsill izda nnota wkoll li ladarba dan il-Gnien kien wiehed pubbliku kien kompitu tal-Kunsill li johrog il-permessi ghall-attivitajiet.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri dahal lura ghas-seduta fis-7.08 ta' filghaxija.***

*49.1.2.4* Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 42 *ad hoc* tat-3 ta' Awwissu, 2011 bl-emenda mressqa mill-Vici Sindku. Il-Kunsillier J. Galea issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Debono ivvota kontra. Il-Kunsillier M. Aquilina astjeniet.

*49.1.2.5* Il-minuti kienu approvati b'seba' (7) voti favur.

*49.1.2.6* Il-Kunsillier M. Debono kkwalifika l-vot tieghu u qal li vvota kontra ghaliex ma jiftakarx x'intqal ezatt dwar il-*bye law* li tikkoncerna x-xorb alkoholiku.

49.1.3 F'dan l-istadju l-Kunsillier S. Camilleri rrimarkat dwar il-fatt li l-ufficcjali tal-*Monitoring Unit* ma kienux prezenti ghas-seduta u dan ghaliex fil-laqghat precedenti kienu attendew regolari. Staqsiet ukoll ghaliex is-Sur Tabone u s-Sur Galea kienu qeghdin jitnizzlu bhala 'prezenti' fil-minuti ghaliex qalet li ma thossx li huwa ta' gid ghall-Kunsill ghax dan jindika li l-Kunsill qieghed taht skrutinju. Il-Kunsill qabel li ghandu jkun infurmat ufficjalment ghaliex ufficjali mill-*Monitoring Unit* DLG ma kienux prezenti ghal-laqgha tal-lum

**49.1.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 43 *ad hoc* tat-8 ta' Awwissu, 2011**

*49.1.4.1* Is-Sindku ressqet ghall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-seduta 43 *ad hoc* tat-8 ta' Awwissu, 2011.

*49.1.4.2* Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li ssir emenda ghal punt 43.1.2 fejn l-ahhar sentenza tinbiddel minn "Il-Kunsillier Cali qal li hu ma jhossx li ghandu jkun aktar responsabbli mis-sit elettoniku tal-Kunsill Lokali" ghal: "Il-Kunsillier Y. Cali qal li hu mhux responsabbli mis-sit elettroniku ghaliex kienet tnehhitlu r-responsabilita tal-website." Is-Sindku ssekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur.

*49.1.4.3* Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li jizdied punt iehor wara l-punt 43.1.3 kif gej: 43.1.3.1 "Is-Sindku qalet li dawn se jergghu jigi riveduti." Is-Sindku ssekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur.

*49.1.4.4* Il-Vici Sindku ppropona emenda ghal punt 43.2.1.1 fejn qal li s-sentenza: Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill ghandu jaqbad u jpingi dawn il-kaxxi" ghal "Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill ghandu jpingi il-linji skont ir-regolamenti." Is-Sindku issekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur.

*49.1.4.5* Il-Vici Sindku ppropona li ssir emenda ghal punt 43D fejn tizdied il-kelma "Point" wara l-kelma "Tigne". Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur.

*49.1.4.6* Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 43 *ad hoc* tat-8 ta' Awwissu, 2011 b'dawn l-emendi. Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri, Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier M. Debono ivvota kontra. Il-Kunsilliera M. Aquilina u J. Galea astjenew.

*49.1.4.7* Il-minuti kienu approvati b'seba' (7) voti favur.

**49.1.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 44 tal-10 ta' Awwissu, 2011**

*49.1.5.1* Is-Sindku ressqet ghall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 44 tal-10 ta' Awwissu, 2011.

*49.1.5.2* Il-Vici Sindku ppropona li ssir emenda ghal punt 44.1.12.1 fejn fit-tieni vers tizdied il-kelma "kulturali" wara l-kelma "attivitajiet". Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali u M. Debono astjenew.

*49.1.5.3* Il-Vici Sindku ppropona li ssir emenda ghal punt 44.1.1.5 fejn jizdied il-kliem: 'Il-Vici Sindku fakkar li l-gwida mid-DLG wasslet wara li kienet saret il-laqgha". Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier Y. Cali astjena.

49.1.5.4 Il-Vici Sindku ippropona li ssir emmenda f'punt 44.1.1.10 fejn qal li ghandha tizdied il-frazi. "Il-minuti ma gewx approvati b'hames (5) voti kontra." Is-Sindku ssekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier Y. Cali astjena.

49.1.5.5 Is-Sindku pproponiet li l-minuti tas-seduta 44 tal-10 ta' Awwissu, 2011 jigu approvati kif emendati. Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier M. Aquilina, Y. Cali u M. Debono astjenew.

49.1.5.6 Il-minuti kienu approvati b'sitt (6) voti favur.

**49.1.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 44 (kont. 1) tat-22 ta' Awwissu, 2011**

49.1.6.1 Is-Sindku ressqet ghall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-Seduta 44 (kont. 1) tat-22 ta' Awwissu, 2011.

49.1.6.2 Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li l-Kunsilliera M. Debono u J. Galea jitnizzlu li kienu prezenti ghal din il-laqgha.

***Il-Kunsillier J. Galea gie skuzat mis-seduta fit-7.47 ta' filghaxija.***

49.1.6.3 Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 44 (kont 1) tat-22 ta' Awwissu, 2011 b'din l-emenda. Il-Vici Sindku issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier Y. Cali u M. Debono astjenew.

49.1.6.4 Il-minuti kienu approvati b'sitt (6) voti favur.

***Il-Kunsillier J. Galea dahal lura ghas-seduta fit-7.52 ta' filghaxija.***

**49.1.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 45 *ad hoc* tas-17 ta' Awwissu, 2011**

49.1.7.1 Is-Sindku ressqet ghall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-seduta 45 *ad hoc* tas-17 ta' Awwissu, 2011.

49.1.7.2 Il-Kunsillier S. Camilleri pproponiet li ssir emenda ghal punt 45.a fejn ghandu jitnehha l-kliem "b'kopja tal-korrispondenza kollha" u jizdied il-kliem: "ghaliex fil-laqgha ta' qabel is-Sindku ghaddiet rimarka biex il-Kunsillier Camilleri torganizza ruhha fl-emails," b'hekk il-punt 45.a ghandu jinqara kif gej: "Qabel ma gie diskuss l-ewwel iteme fuq l-Agenda, il-Kunsillier S. Camilleri ipprezentat dokument ghaliex fil-laqgha ta' qabel is-Sindku ghaddiet rimarka biex il-Kunsillier Camilleri torganizza ruhha fl-emails dwar is-smigh tal-*voice recorder* u talbet li jintbaghtu wkoll lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali."

***Il-Kunsillier P. Pace gie skuzat mis-seduta fit-7.50 ta' filghaxija.***

***Il-Kunsillier E. Cuschieri gie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-7.50 ta' filghaxija.***

Il-Kunsillier M. Aquilina issekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono u J. Galea ivvotaw favur. Il-Kunsillier Y. Cali astjena.

***Il-Kunsillier P. Pace dahal lura ghas-seduta fit-7.59 ta' filghaxija.***

*49.1.7.3* Il-Kunsillier M. Debono ppropona li ssir emenda ghal punt 45.4.7 fejn ghandu jitnehha l-kliem: "Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat dwar l-ittra tal-ex *contracts manager* is-Sur Buhagiar. Fuq suggeriment tal-Kunsillier M. Debono kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill għandu jiltaqa' mad-Direttur għal Gvern Lokali biss" u minflok jidhol il-kliem: "Il-Kunsill iddiskuta l-ittra tal-ex-Contracts Manager, is-Sur Stephen Buhagiar, u kien hemm qbil li ghandu jiltaqa' mad-Direttur ghal Gvern Lokali". Qal ukoll li l-ahhar sentenza ta' dan il-paragrafu cioe: "Il-Kunsill kien infurmat li fuq parir legali mogħti, ma setax jieħu azzjoni peress li l-kaz hu *sub judice*" ghandha titnizzel f'punt ghaliha. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier Y Cali astjena.

*49.1.7.4* Il-Vici Sindku ppropona li ssir emenda ghal punt 45.1.14 fejn qal li s-sentenza: "Il-Vici Sindku ssuggerixxa li ssir ezibizzjoni ta' pitturi minn Kenneth Zammit Tabone li qed jipproponi li tista' ssir fl-entrata tal-*Lukanda Preluna*" tinbidel ghal: "Il-Vici Sindku ssuggerixxa li ssir ezibizzjoni ta' pitturi minn artisti lokali bhal per ezempju fost ohrajn is-Sur Kenneth Zammit Tabone u s-Sur Gabriel Pellegrini li qed jipproponi li tista' ssir fl-entrata tal-*Lukanda Preluna*". Il-Kunsillier M. Aquilina issekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier Y Cali astjena.

*49.1.7.5* Il-Kunsillier S. Camilleri pproponiet emenda ghal punt 45.1.10 biex tithassar il-kelma "Kien" u minflok jidhlu il-kliem: "Il-Kunsillier S. Camillieri". Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier Y Cali astjena.

*49.1.7.6* Il-Kunsillier J. Galea ippropona li ssir emenda ghal punt 45.4.8 fejn jizdied il-kliem: "il-mappa Tas-Sliema tigi aggornata" jitnehha u minflok dan il-punt jinbidel kif gej: "Il-Kunsillier J. Galea ippropona li ssir gdida ta' Tas-Sliema aggornata u stampata bir-riklami." Is-Sindku issekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier Y Cali astjena.

*49.1.7.6.1* *Il-Kunsilliera S. Camilleri qalet li ghalkemm taqbel mal-mappa aggornata ta' Tas-Sliema, il-Kunsill fil-fehma taghha ghandu jibda dan il-progett ladarba jkollu stima ta' kemm se tigi tiswa.*

49.1.7.7 Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 45 *ad hoc* tas-17 ta' Awwissu, 2011 b'dawn l-emendi. Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier Y. Cali astjena.

49.1.7.8 Il-minuti kienu approvati b'seba' (7) voti favur.

***Il-Kunsilliera S. Camilleri ġiet skuzata mis-seduta fit-8.15 ta' filghaxija.***

**49.1.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 46 *ad hoc* tal-1 ta' Settembru, 2011**

49.1.8.1 Is-Sindku ressqet ghall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-seduta 46 *ad hoc* tal-1 ta' Settembru, 2011.

49.1.8.2 Il-Kunsillier P. Pace ppropona li ssir emenda u li hu jitnizzel bhala skuzat u mhux assenti ghaliex kien baghat korrispondenza jispjega l-assenza tieghu wara d-data tas-seduta.

***Il-Kunsillier S. Camilleri regghet dahlet lura ghas-seduta fit-8.16 ta' filghaxija.***

Is-Sindku ssekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur.

49.1.8.3 Il-Vici Sindku ippropona emenda ghas-sentenza: "Il-Vici Sindku hareg mis-seduta fis-5.42 ta' filghaxija" u jizdied il-kliem "wara li hu kien baghat email javza li jista jaghmel madwar ghaxar minuti biss ghal din il-laqgha minhabba impenji ohra". Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier J. Galea astjena.

49.1.8.4 Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 46 *ad hoc* tal-1 ta' Settembru, 2011 b'dawn l-emendi. Il-Vici Sindku ssekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier J. Galea astjena.

49.1.8.5 Il-minuti kienu approvati b'seba' (7) voti favur.

**49.1.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 46 *ad hoc* tat-7 ta' Settembru, 2011**

49.1.9.1 Is-Sindku ressqet ghall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-seduta 46 *ad hoc* tas-7 ta' Settembru, 2011.

49.1.9.2 Il-Kunsillier M. Debono ppropona emenda ghal punt 46.2.2 biex il-kliem "ma qabil" jigi jinqara "ma qabilx". Il-Vici Sindku issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali u S. Camilleri astjenew.

49.1.9.3 Il-Kunsillier M. Debono ppropona emenda ghal punt 46.2.4 fejn jizdied il-kliem "f'seduta precedenti" wara l-kliem "il-Kunsillier M. Debono". Dan il-punt ghandu jigi jinqara kif gej: "Is-Sindku rreferiet ghas-suġġeriment li kien ghamel il-Kunsillier M. Debono f'seduta precedenti fejn

staqsa jistax il-kuntratt tal-iskart imħallat ikun għal sentejn biex il-Kunsill ta' warajna ma jkunx marbut bl-istess kuntratt li jkun għażel dan il-Kunsill. Is-Sindku qrat ir-risposta li rċevejna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informawna li l-kuntratt għandu jkun għal erba snin." Il-Vici Sindku issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali u S. Camilleri astjenew.

*49.1.9.4* Il-Kunsillier P. Pace ppropona li ssir emenda fejn hu jitnizzel bhala skuzat u mhux assenti ghaliex kien baghat email wara s-seduta jispjega ghalfejn kien indispost dak in-nha tas-seduta. Il-Kunsillier J. Galea issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali u S. Camilleri astjenew.

*49.1.9.5* Il-Vici Sindku ippropona li ssir emenda ghal punt 46.1.4 fejn il-kelma "banners" tithassar u minflok jidhol il-kliem "dizinn ta' dawl". Is-Sindku issekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, M. Debono u J. Galea ivvotaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri u P. Pace astjenew.

*49.1.9.6* Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 46 *ad hoc* tas-7 ta' Settembru, 2011 b'dawn l-emendi. Il-Vici Sindku issekonda. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina u J. Galea ivvotaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, M. Debono u P. Pace astjenew.

*49.1.9.7* Il-minuti kienu approvati b'erba' (4) voti favur.

*49.1.9.8* F'dan l-istadju l-Kunsilliera M. Aquilina staqsiet dwar il-kaxxa tal-ittri ta' Triq Depiro. Il-Kunsillier Aquilina kienet infurmata li l-Ufficcju Amministrattiv kien qieghed jikkorispondi mal-Malta Post.

**49.1.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 47 *ad hoc* tal-20 ta' Settembru, 2011**

*49.1.10.1* Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-seduta 47 *ad hoc* tal-20 ta' Settembru, 2011.

*49.1.10.2* Il-Vici Sindku ppropona li ssir emenda ghal punt 47.2.13 fejn jizdied il-kliem "hekk kif kien mitlub mis-Sliema Wanderers" biex b'hekk l-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu tigi emendata ghal: "Saret diskussjoni dwar il-possibilita li l-Kunsill jixtri erbgħa u erbgħin flokk minflok trophy kommemorattiv hekk kif kien mitlub mis-Sliema Wanderers". Is-Sindku issekondat. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, M. Debono ivvotaw favur. Il-Kunsilliera J. Galea u P. Pace astjenew.

*49.1.10.3* Il-Vici Sindku ressaq proposta biex issir emenda ghal punt 47.2.14 u 47.2.15 biex l-isem tal-kuntrattur jinbidel ghal "Abela" minflok "Borg". Kien hemm qbil unanimu.

*49.1.10.4* Il-Kunsillier Cali u Debono talbu biex il-minutitas-Seduta 47 *ad hoc* jergghu jigu mressqa fuq agenda ohra minhabba li ma kienx hemm bizzejjed zmien biex jinqraw qabel id-data tas-seduta. Kien hemm qbil li dawn il-minuti jigu trasferiti fuq l-agenda tas-seduta li jmiss.

49.1.11 F'dan l-istadju s-Sindku qalet li ghad hemm diversi affarijiet li jridu jigu diskussi. Dan kien jinkludi l-attivita tal-Milied fejn il-Kunsill ikun jista' jifformula x'sejhiet ghall-offerti jew kwotazzjonijiet hemm bzonn li jinhargu. Il-Vici Sindku ppropona li l-Kunsilliera ghandhom jiltaqghu b'mod informali fil-gimgha ta' bejn l-10 u l-15 ta' Ottubru fejn flimkien jifformulaw programm ta' attivitajiet li jigi diskuss waqt laqgha formali tal-Kunsill. Qal li l-laqgha informali ghandha sservi biex ikun hemm qsim ta' ideat u tenna li kien se jkun qieghed javza b'data hu stess lill-Kunsilliera. Kien hemm qbil dwar dan.

*49.1.11.1* Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li kellha abbozz ta' offerta ghas-sejha tal-*Events Organiser* ibbazat fuq attivita ohra li kien se jorganizza l-Kunsill aktar kmieni din is-sena. Qalet li qabel ma' tinhareg din is-sejha ikun idonju li l-Kunsill ikun jaf x'tip ta' attivitajiet ikun se jorganizza minhabba li din is-sejha tkun tirrifletti l-attivitajiet u allura l-bzonnijiet tal-Kunsill biex isiru dawn l-attivitajiet.

*49.1.11.2* Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li z-zmien stipulat li ghandu jinghata ghall-avvizi li se jinhargu ghal sejhiet relatati mal-attivitajiet tal-Milied ghandu jkun ta' gimghatejn. Kien hemm qbil ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv ghandha tibghat dokument relatat mas-sejha ghall-offerti ta' *Event Organiser* lill-Vici Sindku.

49.1.12 Is-Sindku ipproponiet li s-seduta tal-Kunsill li jmiss tkun nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2011 li se tkun rigward l-attivita tal-Milied, il-minuti 47ad hoc tal-20 ta' Settembru, 2011 li l-Kunsill li ma lahaqx approva llum, il-minuti tal-laqgha tat-30 ta' Settembru, 2011 u ta' din is-seduta li qeghdin naghmlu, u jistghu jinqalghu affarijiet ohra. Is-Sindku gibdet l-attenzjoni wkoll li kien hemm korrispondenza li kienu se jigu mressqa llum imma ma lahaqnix ukoll.

**49.2 Materji konnessi mal-minuti**

Dan l-*item* ma giex diskuss ghaliex il-Kunsill qabel li l-materji konnessi mal-minuti ghandhom ikunu diskussi wara li jkunu gew approvati s-settijiet kollha tal-minuti.

**49.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Sejha ghall-Offerti**

49.4.1 Is-Sindku infurmat li s-Segretarju Ezekuttiv bghatet diversi *reminders* lill-perit tal-Kunsill li kien inkarigat mill-Kunsill biex ihejji d-dokumenti ta' zewg sejhiet ghall-offerti relatati mas-servizzi tal-manuntezjoni tal-

gonna pubblici u s-soft areas u tal-manutenzjoni tas-sinjali u l-marki tat-toroq. Il-Kunsill innota li s-Segretarju Ezekuttiv hadet l-inizjattiva li jingiebu dokumenti simili li jinhargu minn Kunsilli ohra. Il-Kunsill kien mitlub jiehu pozizzjoni dwar dawn iz-zewg kuntratti.

*49.4.1.1* Mistoqsija mill-Vici Sindku jekk kienux inhargu *warnings* lill-Perit u jekk dan jistax jitkecca, is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li kienu hargu *warnings* u li f'seduta precedenti kienu inqraw l-kundizzjonijiet generali tal-kuntratt tal-Perit li jispecifikaw fuq liema bazi jkun jista' jkun terminat kuntratt. Kien innotat illi l-Perit wettaq xoghlijiet fuq diversi talbiet tal-Kunsill u xi progetti ohra izda dan ma sehhx fil-kaz tad-dokumenit ta' dawn iz-zewg sejhiet ghall-offerti.

*49.4.1.2* Il-Kunsillier M. Debono qal li diskussjoni dwar dan is-suggett ghandha tkun imnizzla bhala item fuq l-agenda.

*49.4.1.3* Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jitlob gwida mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar jekk jinghatax koncessjoni ghal estenzjoni tal-kuntratti prezenti sakemm jigu aggudikati s-sejhiet ghall-offerti tal-gonna pubblici u soft areas kif ukoll ghal dak tas-sinjali u marki tat-traffiku.

*49.4.1.4* Kien hemm qbil li s-Segretarju Ezekuttiv ghandha tibghat abbozz taz-zewg sejhiet ghall-offerta lill-Kunsilliera.

**49.3 Komunikazzjoni mis-Sindki**

49.3.1 Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill komunikazzjoni mit-TM dwar l-isem li ghandu jinghata lill-*istage* vicin il-Plaza Hotel. Il-Vici Sindku ippropona li l-isem ghandu jkun "Kullegg". Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti dwar dan.

**Il-laqgħa ntemmet fid-8.50 ta' filgħaxija.**

**Seduta oħra ġiet imsejħa ghal nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ...1 ta' Novembru...2011.
(jum) (data) (xahar)